MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 388/2006

**Illum 08 ta’ Ottubru 2008**

Rikors Guramentat Nru. 388 / 06NC

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**vs**
**CD, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri E A**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata CD zzewgu fl-1 ta' Ottubru, 1995.

2. Illi f' Gunju tas-sena 2005 l-intimata telqet mid-dar f' Lulju tas-sena 2005 u fl-ebda mument ma regghet irritornat lejn id-dar matrimonjali u ghalhekk huwa u l-intimata CD ilhom separati de facto bla ebda interruzzjoni, lanqas minima, ghal dan il-perjodu kollu.

3. Illi permezz ta' kuntratt datat l-1 ta' Novembru, 2005 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler, il-kontendenti isseparaw legalment, liema kuntratt ser jigi prezentat fl-atti tar-rikors odjern fil-kors ta' l-istess.

4. Illi fil-21 ta' Gunju, 2006, l-intimata gewwa l-isptar San Luqa, weldet iben u semmietu E u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 2080/2006 illi fih ir-rikorrent gie mnizzel bhala l-missier ta' l-imsemmi bin minuri, liema certifikat huwa anness u mmarkat Dok. AA 1.

5. Illi mid-data tas-separazzjoni taghhom fuq imsemmija, il-kontenti konjugi A baqghu sseparati minn xulxin u qatt ma ghammru flimkien u certament u indubbjament qatt ma kellhom rapporti intimi bejniethom.

6. Illi l-intimata kellha relazzjoni ma' rgiel ohra.

7. Illi ghaldaqstant l-imsemmi iben minuri E A mhuwiex il-wild naturali u bijologiku tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri E A m' huwiex il-wild bijologiku u naturali tar-rikorrent B A u konsegwentement;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jinserixxi l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid relattiv ta' l-imsemmija minuri E A bin-numru tar-registrazzjoni 2080/2006 billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha tar-rikorrenti B A u l-istess jigi sostitwit bil-kliem "missier mhux maghruf".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kkancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat li l-konvenuta CD debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku prezentat mill-Ispizjara Marisa Cassar minnha mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li t-tifel E A li twieled mill-konvenuta CD fil-21 ta’ Gunju 2006 mhuwiex il-wild naturali tieghu; u sabiex tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-att tat-twelid relattiv bin-numru 2080/2006.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta CD kienu zzewgu fl-1 ta’ Ottubru 1995. Fi Frar tas-sena 2005 il-konvenuta bdiet relazzjoni extra matrimonjali, u fit-3 ta’ Gunju 2005 telqet mid-dar konjugali, sabiex tkompli f’ din ir-relazzjoni. Sussegwentement twieled it-tifel E fil-21 ta’ Gunju 2006 li gie registrat bil-kunjom ‘A’ peress li l-konvenuta kienet ghada mizzewga lill-attur.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jaghti konfort lit-tezi ta’ l-attur li l-imsemmi minuri mhuwiex il-wild naturali tieghu.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet ta’ l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur; u tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier bijologiku u naturali tal-minuri E A li twieled fil-21 ta’ Gunju 2006; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 2080/2006 billi jigu kancellati l-isem ta’ l-attur u l-konnotati tieghu, u minflok jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”, u tordna wkoll li l-kliem “the said” jigu kancellati mill-istess att.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta CD.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------